# IS-SINJURA TA’ SPEYER – GERMANJA

IS-SALVE REGINA U SAN BERNARD (1146)



L-Abbati Orsini kiteb: “ Is-Sinjura ta’ Spire (Speyer) fil-Germanja.

Meta San Bernard dahal f’din il-knisja fi-29 ta’ Dicembru tas-sena 1146, il-kanonici laqghuh bl-unuri kollha u haduh fil-kor fejn hemm kantaw is-Salve Regina. Meta ntemm il-kant, San Bernard sellem lill-Vergni Mbierka bil-kliem: “O clemens, O pia, O dulcis Virgo Maria!” U Hija wegbitu: “Salve Bernarde!”

Dawn il-kliem wiehed jista’ jarahom imnaqqxa go cirku fuq il-paviment tal-knisja, fl-istess lok fejn huwa ppronunzjhom u minn dak in-nhar gew maghduda mas-Salve Regina li kienet komposta fis-sena 1040 minn Herman, imsemmi Contractus, patri benedittin. Huwa maghruf bhala l-Beatu Herman ta’ Reichenau (1013 – 1054)


SALVE
REGINA

Il-katidral ta’ Speyer dedikat lil Imqaddsa Vergni Marija u maghruf bhala Kaiserdom zu Speyer fil-Germanja beda’ jimbena’ fuq stil Romanesque fis-sena 1030 u mitmum fis-sena 1106. Twil 134 metri u 43 metri wiesa u kien l-akbar bini li nbena f’dawk iz-zminjijiet, Huwa mahsub li huwa l-akbar bini Romanesque li baqa’ wieqaf fid-dinja

Matul il-gwerra tad-disa’ snin, il-belt kollha ta’ Speyer giet meqruda totalment bin-nar u s-shana minn nirien ikkawzat il-waqa’ ta’ parti minn nava tal-knisja . Fis-sena 1792 il-belt giet okkupata mit-truppi  rivoluzzjonarji francizi u l-knisja sfat misruqa.  U kien f’dak is-seklu li l-fdalijiet ta’ San Bernard fil-kappella tnehhew. Il-katidral gie sussegwement uzat bhala post fejn jistorjaw l-affarijiet u anke sptar.



Fis-sena 1957, il-katidral gie restawrat u ghalkemm hafna minnu flimkien mal-pitturi tad-19 il-seklu ghebu, ix-xeni mill-hajja tal-Vergni Mbierka gew salvati. Fis-sena 1981 il-Katidral gie dikjarat fil-lista ta’ wirt dinji mill-UNESCO.

